RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1307

tat-18 ta' Settembru 2020

dwar sett ta' għodod komuni tal-Unjoni biex titnaqqas l-ispiża tal-implimentazzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u biex jiġi żgurat aċċess f'waqtu għall-ispettru tar-radju tal-5G li jiffavorixxi l-investiment, sabiex titwitta t-triq għall-konnettività b'appoġġ għall-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 fl-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kriżi tal-COVID-19 uriet li l-konnettività hija essenzjali għan-nies u għan-negozji fl-Unjoni. In-networks tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari n-networks b'kapaċità għolja ħafna, kellhom rwol kruċjali fir-rispons għall-kriżi billi ppermettew it-telexogħol u t-tagħlim, il-kura tas-saħħa, il-komunikazzjoni personali u d-divertiment mill-bogħod. Il-konnettività tal-gigabits mifruxa twassal għal każijiet ta' użu intensiv tal-broadband fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni, it-trasport, il-loġistika u l-midja, li jista' jkollhom rwol ewlieni fl-irkupru ekonomiku tal-Ewropa. B'mod iktar ġenerali, il-konnettività fissa u bla fili tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-provvista ta' servizzi aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd u għat-tnaqqis tad-distakk diġitali. Toffri mezz importanti biex il-pubbliku jkun infurmat, tgħin lill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti jrażżnu l-imxija tal-virus u tippermetti lill-organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa jiskambjaw id-*data* u jipprovdu t-teleservizzi.

(2) Il-pandemija biddlet il-perspettiva ekonomika għas-snin li ġejjin. L-investiment u r-riformi huma meħtieġa iktar minn qatt qabel biex jiġu żgurati l-konverġenza u l-irkupru ekonomiku bbilanċjat, sostenibbli u li jħares 'il quddiem. L-investiment fil-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-politiki ekoloġiċi, diġitali u soċjali, itejjeb ir-reżiljenza tagħha u jgħin biex jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir sostenibbli, filwaqt li jiġu mmodernizzati l-ekonomiji tal-Istati Membri. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jisfruttaw għalkollox il-potenzjal tal-faċilità proposta għall-irkupru u għar-reżiljenza, filwaqt li jiżguraw li n-nefqa pubblika tkun effiċjenti u li joħolqu l-aqwa kundizzjonijiet adattati għall-investiment privat. Għal dak l-għan, din ir-Rakkomandazzjoni tiggwida lill-Istati Membri li jinsabu fil-proċess li jfasslu l-proposti tagħhom għall-pjanijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza tagħhom. Tindika kif l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw miżuri sempliċi u realistiċi biex jassenjaw l-ispettru tar-radju għan-networks tal-ħames ġenerazzjoni (5G) b'kundizzjonijiet li jiffavorixxu l-investiment, u kif jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna billi, pereżempju, ineħħu l-ostakli amministrattivi bla bżonn u billi jirrazzjonalizzaw il-proċeduri għall-għoti tal-permessi.

(3) F'dan il-kuntest soċjoekonomiku, jeħtieġ li jiġi żviluppat approċċ komuni tal-Unjoni, "Sett ta' għodod", ibbażat fuq l-aqwa prattiki. L-għan hu li tiġi inċentivata l-implimentazzjoni f'waqtha ta' networks b'kapaċità għolja ħafna, inkluż in-networks bla fili tal-fibra ottika u tal-ġenerazzjoni li jmiss. Tali approċċ jappoġġa proċessi u applikazzjonijiet diġitali emerġenti u futuri, u jikkontribwixxi direttament għat-tkabbir u għall-impjiegi, bħala parti mill-irkupru ekonomiku tal-Unjoni.

(4) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa tad-9 ta' Ġunju 2020 ([1]) jenfasizzaw li l-pandemija tal-COVID-19 uriet il-ħtieġa għal konnettività veloċi u kullimkien. Din is-sitwazzjoni titlob li l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jiżviluppaw sett tal-aqwa prattiki biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tan-network u jiffaċilitaw l-introduzzjoni ta' infrastrutturi b'kapaċità għolja ħafna, inkluż tal-fibra ottika u tal-5G.

(5) Permezz tan-networks tat-telefonija mobbli tal-5G, l-utenti mobbli se jkollhom konnettività b'kapaċità għolja ħafna. Huwa mistenni li dawn in-networks ikollhom rwol vitali fl-istabbiliment tal-pedamenti għat-trasformazzjonijiet diġitali u ekoloġiċi f'oqsma bħat-trasport, l-enerġija, il-manifattura, is-saħħa, l-agrikoltura u l-midja. Is-suċċess ta' għadd ta' każijiet ta' użu għall-5G jirrikjedi kontinwità tas-servizz f'territorji sostanzjali, inkluż bejn il-fruntieri nazzjonali. Għaldaqstant huwa importanti li l-Istati Membri jieħdu passi xierqa biex jippromwovu l-implimentazzjoni fit-territorji kollha tagħhom, inkluż iż-żoni rurali u remoti, u jikkooperaw ma' xulxin fl-implimentazzjoni tal-5G f'żoni transfruntiera.

([1]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa, id-9 ta' Ġunju 2020, 8711/20. https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-8711-2020-INIT/mt/pdf

(6) L-azzjonijiet relatati mal-ispettru koperti minn din ir-Rakkomandazzjoni jistgħu jappoġġaw it-tħejjija tal-pjan ta' azzjoni aġġornat futur tal-Kummissjoni għall-Ewropa dwar il-5G u s-6G li tħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa" ([2]). Dak il-pjan aġġornat iqis il-progress li jkun sar, jindirizza n-nuqqasijiet attwali fl-implimentazzjoni tan-network u jistabbilixxi livell ġdid ta' ambizzjoni għall-implimentazzjoni futura tal-5G fil-livell tal-UE, biex jiġi żgurat li l-konnettività tal-5G tilħaq il-potenzjal kollu tagħha sabiex tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet fit-tul tal-UE għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija.

(7) Id-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ("id-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband") għandha l-għan li tiffaċilita u tinċentiva l-introduzzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Fir-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispejjeż tal-Broadband ([4]), il-Kummissjoni identifikat għadd ta' problemi f'termini tal-effettività tagħha, inkluż il-fatt li xi miżuri fakultattivi mhumiex qed jintużaw mill-Istati Membri sal-potenzjal kollu tagħhom. B'rispons għal dan, jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tipproponi miżuri li jinċentivaw l-implimentazzjoni f'waqtha ta' networks sostenibbli tal-komunikazzjoni elettronika b'kapaċità għolja ħafna, inkluż in-networks tal-5G.

(8) Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), li trid tiġi trasposta mill-Istati Membri u li trid tiġi applikata mill-21 ta' Diċembru 2020, tippromwovi l-aċċess għal networks b'kapaċità għolja ħafna miċ-ċittadini u min-negozji kollha tal-Unjoni, kif ukoll il-konnettività u l-użu tagħhom minnhom. Din ir-Rakkomandazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-ksib ta' dan l-objettiv u b'hekk tiffoka fuq l-implimentazzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna.

(9) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni biex b'mod urġenti jiżviluppaw Sett ta' għodod bl-aqwa prattiki għall-applikazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband u jibnu fuq ir-rekwiżiti minimi tagħha, filwaqt li jagħmlu titjib fl-oqsma li ġejjin: (i) ir-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi, fil-kuntest ta' sforzi usa' għat-titjib tal-effiċjenza u tat-trasparenza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u bħala kontribut biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet tan-negozju; (ii) iż-żieda fit-trasparenza u t-tishiħ tal-punt uniku ta' informazzjoni; (iii) l-espansjoni tad-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika eżistenti kkontrollata mill-korpi tas-settur pubbliku u (iv) it-titjib tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jidentifikaw miżuri li jgħinu fit-tnaqqis tal-impatt ambjentali tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika u jiżguraw is-sostenibbiltà tagħhom.

(10) Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband, l-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu deċiżjonijiet relatati mal-permessi kollha għax-xogħlijiet ċivili meħtieġa, bil-ħsieb li jiġu implimentati elementi tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja fi żmien erba' xhur, estiżi b'mod eċċezzjonali, f'każijiet debitament ġustifikati jew biex jikkonformaw ma' skadenzi jew obbligi oħra stabbiliti fil-liġi nazzjonali għat-twettiq xieraq tal-proċedura. Għalhekk, sabiex jiġu evitati prattiki inkonsistenti fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li l-Istati Membri jfittxu li jiffaċilitaw il-konformità mal-iskadenza ta' erba' xhur għall-għoti jew għarrifjut tal-permessi meħtieġa kollha u jenħtieġ li flimkien jidentifikaw ukoll l-aqwa prattiki li jkomplu jirrazzjonalizzaw il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, bħall-approvazzjoni taċita u l-proċeduri ssimplifikati tal-għoti tal-permessi.

(11) Għal ċerti tipi ta' implimentazzjonijiet tan-network, xi Stati Membri stabbilew proċeduri ssimplifikati tal-għoti tal-permessi bħala mod kif jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv kemm fuq l-operaturi kif ukoll fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw l-użu ta' proċeduri ssimplifikati għall-għoti tal-permessi jew eżenzjonijiet mill-permessi lil hinn mill-Artikolu 57 tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, kif ukoll jiddefinixxu x-xenarji tal-implimentazzjoni tan-network li jibbenefikaw minnhom (eż. għall-implimentazzjonijiet proviżorji meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, jew għal immodernizzar sempliċi tan-networks eżistenti, inkluż l-immodernizzar għall-5G tal-istazzjonijiet bażi eżistenti tat-telefonija mobbli).

(12) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jiġu rrazzjonalizzati l-proċeduri tal-għoti tal-permessi, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat l-użu ta' proċeduri elettroniċi u jenħtieġ li jissaħħaħ ir-rwol tal-punt uniku ta' informazzjoni. Għal dan l-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jirriflettu fuq kif il-punt uniku ta' informazzjoni jista' jsir punt uniku ta' kuntatt effettiv għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet elettroniċi għall-permessi fil-livelli amministrattivi kollha.

([2]) COM(2020) 67 final

([3]) Id-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja (ĠU L 155, 23.5.2014, p. 1).

([4]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, COM(2018)492, is-27 ta' Ġunju 2018.

([5]) Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

(13) Bħala pass ulterjuri, approċċ integrat għall-ħruġ tal-permessi taħt ir-responsabbiltà tal-punt uniku ta' informazzjoni jwassal valur miżjud sinifikanti. Dan jista' jsir permezz ta' proċedura kkoordinata għalkollox f'każijiet fejn tkun involuta iktar minn awtorità kompetenti waħda. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw li jagħtu rwol attiv lill-punt uniku ta' informazzjoni fil-koordinazzjoni u fil-monitoraġġ tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi minn awtoritajiet kompetenti differenti u fl-iżgurar tal-iskambju xieraq ta' informazzjoni rilevanti.

(14) Sabiex jiġi evitat dewmien bla bżonn, il-proċeduri għall-għoti tal-permessi u għad-drittijiet ta' passaġġ, inkluż tul ir-rotot tal-komunikazzjoni (eż. toroq, linji tal-ferrovija), skont l-Artikolu 43 tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, jenħtieġ li jitwettqu b'mod parallel. L-Istati Membri jenħtieġ li jesploraw il-possibbiltà li jagħtu drittijiet ta' passaġġ malajr kemm jista' jkun u, fi kwalunkwe każ, sal-iskadenza massima għall-għoti tal-permessi ta' erba' xhur, u b'hekk jallinjaw din il-proċedura mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband.

(15) Minħabba l-għadd dejjem jikber ta' permessi għall-implimentazzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika, u l-karattru predominantement lokali tagħhom, it-tariffi għall-permessi għax-xogħlijiet ċivili jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri u fihom stess. Dawn jistgħu jirrappreżentaw ukoll parti sinifikanti mill-ispiża tal-implimentazzjoni, b'mod partikolari fiż-żoni rurali u remoti, fejn l-ispiża tal-implimentazzjoni għal kull utent hija l-ogħla. Għaldaqstant ikun utli ħafna jekk l-Istati Membri jiskambjaw u jaqblu dwar modi kif iżommu l-ispiża tal-għoti tal-permessi f'livell li ma jkunx diżinċentiv għall-investiment, filwaqt li jqisu l-multipliċità ta' permessi li spiss ikunu meħtieġa.

(16) L-aċċess għal informazzjoni komprensiva, akkurata u aġġornata huwa prerekwiżit biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-infrastruttura fiżika eżistenti u l-koordinazzjoni xierqa tax-xogħlijiet ċivili. Ir-rwol tal-punt uniku ta' informazzjoni huwa kruċjali f'dan ir-rigward. It-titjib tat-trasparenza tal-infrastruttura eżistenti u tax-xogħlijiet ċivili ppjanati huwa pass preliminari ewlieni li jippermetti l-aċċess għall-infrastruttura eżistenti u li jtejjeb il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili, li mbagħad jiġġenera benefiċċji addizzjonali għall-ambjent u għall-individwi. Għaldaqstant l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jikkunsidraw li jibagħtu l-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-infrastruttura fiżika f'żona partikolari, minn sorsi differenti, lill-punt uniku ta' informazzjoni, u jgħinu fl-għoti ta' informazzjoni ġeoreferenzjata.

(17) L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jesploraw mezzi biex itejbu t-trasparenza fir-rigward tal-infrastruttura fiżika eżistenti billi jżidu l-kwantità u l-kwalità tal-informazzjoni disponibbli permezz tal-punt uniku ta' informazzjoni. Dan jinkludi l-informazzjoni li tiġi pprovduta b'mod bilaterali bejn l-operaturi, skont l-Artikoli 4(2) u 4(4) tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband, fuq talba, jew rigward l-infrastruttura fiżika kkontrollata minn korpi tas-settur pubbliku.

(18) Minbarra r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband rigward l-aċċess għall-infrastruttura fiżika eżistenti, l-implimentazzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna tista' tiġi ffaċilitata iktar billi l-operaturi jkunu jistgħu jiksbu l-aċċess għall-infrastruttura fiżika rilevanti kkontrollata minn korpi tas-settur pubbliku, b'kundizzjonijiet simili għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva. Tali infrastruttura fiżika tinkludi l-bini, b'mod partikolari l-bjut, u t-tagħmir tat-toroq, bħall-arbli għad-dwal tat-toroq, is-sinjali tat-toroq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-trammijiet u l-istazzjonijiet tal-metrò.

(19) Id-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband tipprevedi l-użu ta' proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim f'każ li n-negozjati relatati mal-aċċess għall-infrastrutturi ma jirnexxux. L-Istati Membri jenħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom biex flimkien jidentifikaw l-aqwa prattiki għal mekkaniżmi effettivi u effiċjenti għas-soluzzjoni tat-tilwim u għall-funzjonament tajjeb tal-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim fl-Unjoni kollha. F'ġieħ it-trasparenza, jenħtieġ li dawn il-prattiki jinkludu l-pubblikazzjoni f'waqtha tad-deċiżjonijiet tal-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim.

(20) L-impronta ambjentali tas-settur tal-komunikazzjoni elettronika qed tikber, u huwa essenzjali li jiġu kkunsidrati l-mezzi kollha possibbli biex din it-tendenza tinbidel. Inċentivi għall-implimentazzjoni ta' networks, pereżempju b'impronta iżgħar tal-karbonju, jistgħu jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tas-settur u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għalih. L-Istati Membri huma mitluba, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jidentifikaw u jippromwovu inċentivi bħal dawn, li jistgħu jinkludu proċeduri rapidi għall-għoti tal-permessi jew tariffi mnaqqsa għall-permessi u għall-aċċess għal networks li jissodisfaw ċerti kriterji ambjentali.

(21) Sabiex jiġi evitat dewmien bla bżonn fil-proċessi għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-ispettru u għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni bla fili, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskambjaw l-aqwa prattiki dwar kif għandhom jitqiesu r-riżultati tal-valutazzjoni ambjentali, meta din tkun meħtieġa, u b'mod partikolari meta l-awtoritajiet iħejju l-qafas għall-kunsens rigward l-iżvilupp futur ta' proġetti, filwaqt li tiġi rrispettata għalkollox il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) ("id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika"), id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) ("id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali"), u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([8]) ("id-Direttiva dwar il-Ħabitats"). Il-valutazzjoni ambjentali jenħtieġ li ssir fl-istadju meta l-effetti ambjentali jkunu jistgħu jiġu identifikati u vvalutati.

(22) Il-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi jistabbilixxi skadenza komuni fi tmiem l-2020 għall-Istati Membri biex jippermettu l-użu tal-banda 3,4-3,8 GHz u minn tal-inqas 1 GHz tal-banda ta' frekwenzi pijuniera 24,25-27,5 GHz għall-5G. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (UE) 2017/899 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) tistabbilixxi skadenza komuni fit-30 ta' Ġunju 2020 għall-Istati Membri biex jippermettu l-użu tal-banda ta' frekwenzi pijuniera ta' 700 MHz għall-5G. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ġestjoni tal-ispettru tippromwovi konnettività ta' kwalità għolja għan-negozji u għas-soċjetà b'dimensjoni transfruntiera, kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tal-industrija, u b'hekk tiġġenera benefiċċji għall-ekonomija u għas-soċjetà kollha, inkluż f'termini ta' aċċessibbiltà, opportunitajiet indaqs u inklużività. Il-ksib ta' dak l-objettiv jista' jiġi ffaċilitat bl-iskambju f'waqtu tal-fehmiet u tal-aqwa prattiki qabel u waqt il-proċess ta' rieżami bejn il-pari stabbilit mill-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

(23) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida u sigura tan-networks tal-5G u l-użu ta' servizzi innovattivi mill-2020, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni tal-5G ([10]), u filwaqt li jitqies is-sett ta' għodod skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar iċ-ċibersigurtà tan-networks tal-5G ([11]), jenħtieġ li l-Istati Membri jevitaw jew jimminimizzaw kwalunkwe dewmien fl-għoti tal-permessi għall-użu tal-baned ta' frekwenzi pijunieri tal-5G minħabba l-kriżi tal-COVID-19.

(24) Filwaqt li tiġi nnotata l-importanza ta' infrastruttura tal-5G sigura u reżiljenti għall-irkupru u għat-tkabbir ekonomiku, jenħtieġ li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tal-ispettru jappoġġaw, meta jkun xieraq, l-investiment fl-infrastruttura billi jtaffu l-piż finanzjarju fuq l-utenti tal-ispettru tar-radju, b'mod partikolari fuq l-operaturi, f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan huwa ferm iktar kruċjali fiċ-ċirkostanzi tal-kriżi tal-COVID-19. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jidentifikaw ir-regoli għall-awtorizzazzjoni tal-ispettru li għandhom l-għan li japplikaw metodoloġija tal-ipprezzar tal-ispettru li tiffavorixxi l-investiment. Tali prattiki jistgħu jkopru inċentivi, meta jkun xieraq, biex tiġi pprovduta kopertura bla fili ta' kwalità għolja sabiex jiġu żgurati servizzi disponibbli b'mod wiesa', inkluż bejn il-fruntieri.

(25) Sabiex tiġi evitata l-iskarsezza tal-ispettru li twassal għal offerti ogħla fl-irkanti tal-ispettru, l-aqwa prattiki jistgħu jkopru miżuri biex l-ispettru ma jiġix irriżervat f'baned ta' frekwenzi pijunieri tal-5G għall-finijiet tas-sigurtà pubblika u tad-difiża, sa fejn ikun possibbli, jew miżuri biex l-ispettru tar-radju armonizzat fl-UE jiġi rriżervat għal servizzi tal-komunikazzjoni elettronika għall-utenti privati tal-ispettru tar-radju, fir-rigward kemm l-ammont tal-ispettru kif ukoll l-għażla ta' banda ta' frekwenzi speċifika, meta dan ikun debitament ġustifikat biss.

(26) In-networks tal-5G jirrikjedu implimentazzjoni iktar densa ta' ċelloli konsiderevolment f'baned ta' frekwenzi ogħla meta mqabbla mal-ġenerazzjonijiet preċedenti tat-teknoloġija. Il-kondiviżjoni tal-infrastruttura passiva u attiva u l-introduzzjoni konġunta tal-infrastruttura bla fili jistgħu jnaqqsu l-ispiża ta' tali implimentazzjoni (inkluż l-ispejjeż inkrementali), b'mod partikolari meta jintużaw il-baned ta' frekwenzi 3,4-3,8 GHz u 24,25-27,5 GHz, u b'hekk jaċċelleraw il-pass tagħha, jappoġġaw kopertura ikbar tan-network u jippermettu użu iktar effettiv u effiċjenti tal-ispettru tar-radju għall-benefiċċju tal-konsumaturi. Għalhekk jenħtieġ li titqies b'mod pożittiv mill-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari f'żoni b'redditu ekonomiku limitat.

([6]) Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

([7]) Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

([8]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

([9]) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/899 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-użu tal-banda ta' frekwenzi 470-790 MHz fl-Unjoni (ĠU L 138, 25.05.2017, p. 131).

([10]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "5G għall-Ewropa: Pjan ta' Azzjoni", COM(2016) 588 final.

([11]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/534 tas-26 ta' Marzu 2019 Ċibersigurtà ta' netwerks 5G (ĠU L 88, 29.3.2019, p. 42).

(27) L-implimentazzjoni ta' networks bla fili tal-5G densi tibbenefika wkoll minn reġimi ta' awtorizzazzjoni flessibbli, li jistimulaw l-investiment fin-networks bla fili u jiżguraw l-użu effiċjenti tal-ispettru. Il-baned ta' frekwenzi għolja 'l fuq minn 24 GHz ("baned ta' frekwenzi b'mewġ millimetriku"), bħall-banda ta' frekwenzi 24,25-27,5 GHz, joffru ammont għoli ta' spettru tar-radju b'karatteristiċi ta' propagazzjoni ġeografikament limitati. Filwaqt li jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod ġenerali jużaw proċeduri tal-għażla kompetittivi bħall-irkantijiet biex jagħtu d-drittijiet tal-użu fil-baned ta' frekwenzi affettwati minn skarsezza, tali proċeduri jistgħu, f'ċerti każijiet, joħonqu l-potenzjal għal investiment fin-networks bla fili tal-5G densi kif ukoll il-flessibbiltà u l-effiċjenza li tirriżulta mill-użu tal-ispettru. L-awtorizzazzjoni individwali tal-baned ta' frekwenzi b'mewġ millimetriku armonizzati li tuża proċedura amministrattiva rapida li tkun miftuħa, oġġettiva, proporzjonata u nondiskriminatorja, u li ssegwi kriterji u proċeduri trasparenti, tista' titqies bħala waħda mill-aqwa prattiki.

(28) Sabiex jiġu evitati soluzzjonijiet diverġenti meta jingħataw id-drittijiet għall-użu tal-ispettru tar-radju biex jiġu pprovduti servizzi bla fili transfruntiera, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkoordinaw aħjar meta jassenjaw l-ispettru tar-radju sabiex titwitta t-triq għall-konnettività bla fili li tappoġġa t-trasformazzjoni industrijali u s-sovranità diġitali tal-Unjoni abbażi tal-kapaċitajiet flessibbli u b'servizzi multipli tal-infrastruttura tal-5G. L-assenjazzjoni kkoordinata tal-ispettru hija partikolarment importanti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-konnettività ta' każijiet ta' użu ġodda li jikkontribwixxu għad-diġitalizzazzjoni tal-operazzjonijiet fil-mobbiltà u fit-trasport bit-triq u bil-ferrovija u fil-manifattura industrijali. Dawn il-kundizzjonijiet huma relatati b'mod partikolari mal-kwalità tas-servizz, espressa f'termini tal-kapaċità, il-potenzjalità operattiva (throughput), il-latenza, l-affidabbiltà u s-sigurtà u r-reżiljenza tan-network.

(29) Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' sett tal-aqwa prattiki u jaqblu dwarhom, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, u bl-appoġġ tal-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju, għal eżempji innovattivi maġġuri fis-setturi tal-industrija b'dimensjoni transfruntiera, bħat-trasport bit-triq jew bil-ferrovija (inkluż il-kurituri transfruntiera għal mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata) u l-fabbriki intelliġenti. Tali prattiki jistgħu jieħdu vantaġġ mir-riżultati ta' proġetti pilota u ta' provi ffinanzjati mill-UE f'setturi vertikali, inkluż il-kurituri transfruntiera tal-5G. Jenħtieġ li tali prattiki jidentifikaw il-meded ta' frekwenzi komuni, kif ukoll ir-reġimi u l-kundizzjonijiet rilevanti għall-awtorizzazzjoni tal-operaturi għall-provvista ta' servizzi bla fili (settorjali) iddedikati. Ir-reġimi ta' awtorizzazzjoni komuni jistgħu jindirizzaw l-awtorizzazzjoni individwali tal-operaturi u tal-partijiet ikkonċernati industrijali, inkluż l-użu kondiviż tal-ispettru. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni komuni jistgħu jindirizzaw l-introduzzjoni, il-kwalità tas-servizz, l-użu kondiviż tal-ispettru, il-koeżistenza bejn is-sistemi bla fili, il-ħżin tal-ispettru, iċ-ċibersigurtà, u l-ftehimiet innegozjati bejn l-operaturi tat-telefonija mobbli u l-partijiet ikkonċernati industrijali, kif ukoll miżuri li jipproteġu l-komunikazzjoni essenzjali għat-trasport bl-ajru. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju jgħin lill-Kummissjoni biex tiddetermina jekk hemmx bżonn jinħareġ mandat għall-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni għall-iżvilupp ta' kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-użu tal-ispettru.

(30) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkoordinaw il-proċess ta' awtorizzazzjoni tal-ispettru u, b'mod partikolari, jużaw proċess ta' awtorizzazzjoni konġunt f'konformità mal-Artikolu 37 tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi meta jimplimentaw is-sett tal-aqwa prattiki żviluppat mill-Istati Membri f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni. Tali proċess jista' jinkludi l-assenjazzjoni ta' medda ta' frekwenzi komuni ddedikata b'kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni komuni.

(31) L-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod tibbenefika minn proċess ċar, monitoraġġ adegwat, iktar trasparenza u djalogu fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni.

(32) L-Istati Membri jenħtieġ li jaħdmu flimkien, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, biex jiżviluppaw is-Sett ta' Għodod. Meta jkun xieraq, jenħtieġ li l-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju, il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, in-network tal-Uffiċċji ta' Kompetenza fil-Broadband, il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-funzjonijiet tal-punt uniku ta' informazzjoni jkunu involuti mill-qrib.

(33) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni u tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. FINI U DEFINIZZJONIJIET

(1) Din ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi gwida għall-iżvilupp tal-aqwa prattiki, imsejħa s-"Sett ta' għodod", sabiex titwitta t-triq għall-konnettività b'appoġġ għall-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19, b'enfasi fuq tliet oqsma li għandhom l-għan, b'mod partikolari, li:

(a) inaqqsu l-ispiża u jżidu l-veloċità tal-implimentazzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika u, b'mod partikolari, tan-networks b'kapaċità għolja ħafna, billi jirrazzjonalizzaw il-proċeduri tal-għoti tal-permessi għax-xogħlijiet ċivili, itejbu t-trasparenza u jsaħħu l-kapaċitajiet tal-punt(i) uniku/uniċi ta' informazzjoni stabbilit(i) bid-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband, jespandu d-drittijiet ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika eżistenti kkontrollata minn korpi tas-settur pubbliku u jidentifikaw miżuri li jgħinu biex jitnaqqas l-impatt ambjentali tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika;

(b) jipprovdu, meta jkun xieraq, aċċess f'waqtu u li jiffavorixxi l-investiment għall-ispettru tar-radju tal-5G permezz ta' inċentivi li jiffavorixxu l-investiment għall-użu tal-ispettru kif ukoll proċeduri f'waqthom tal-assenjament tal-ispettru għall-baned pijunieri tal-5G;

(c) jistabbilixxu proċess ta' koordinazzjoni iktar b'saħħtu għall-assenjazzjoni tal-ispettru, li jiffaċilita wkoll il-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-5G innovattivi.

(2) Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband u fil-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

2. PROĊESS GĦALL-IŻVILUPP TA' SETT TA' GĦODOD

(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jaħdmu flimkien, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, biex jiżviluppaw Sett ta' għodod fl-oqsma koperti fit-Taqsimiet 3, 4 u 5 ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Meta jkun xieraq, jenħtieġ li jkunu involuti dawn li ġejjin:

(a) il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi kif ukoll l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, in-network tal-Uffiċċji ta' Kompetenza fil-Broadband u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-funzjonijiet tal-punt uniku ta' informazzjoni fir-rigward tal-oqsma identifikati fit-Taqsima 3;

(b) il-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti fir-rigward tal-oqsma identifikati fit-Taqsimiet 4 u 5.

(4) Sal-20 ta' Diċembru 2020, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw u jikkondividu l-aqwa prattiki ma' xulxin u mal-Kummissjoni skont it-Taqsimiet 3 u 4.

(5) Sat-30 ta' Marzu 2021, jenħtieġ li l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jaqblu dwar is-Sett ta' Għodod.

(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw is-Sett ta' Għodod b'urġenza u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

(7) Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' prattiki tajbin bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li s-Sett ta' Għodod u kwalunkwe informazzjoni relatata li tkun ġiet irrappurtata jiġu ppubblikati fuq is-sit web Europa u permezz tal-punti uniċi ta' informazzjoni.

3. KOORDINAZZJONI MSAĦĦA FIL-LIVELL TAL-UNJONI RIGWARD IT-TNAQQIS TAL-ISPIŻA U Ż-ŻIEDA TAL-VELOĊITÀ TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAN-NETWORKS B'KAPAĊITÀ GĦOLJA ĦAFNA

Razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi

(8) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw l-aqwa prattiki u jaqblu dwarhom biex ikomplu jirrazzjonalizzaw il-proċeduri tal-għoti tal-permessi lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband kif definit fl-Artikolu 1 tagħha, u biex jiffaċilitaw il-konformità mal-iskadenza u ma' kundizzjonijiet oħra stabbiliti fl-Artikolu 7(3) tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jesploraw kif jistgħu:

(a) jiffaċilitaw il-konformità mal-iskadenza massima ta' erba' xhur għall-għoti jew għar-rifjut tal-permessi. Sabiex iżidu ċ-ċertezza tad-dritt u sabiex jgħinu biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, fin-nuqqas ta' deċiżjoni espliċita fil-perjodu ta' erba' xhur, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw l-approvazzjoni taċita tal-applikazzjoni.

(b) jissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, inkluż l-istabbiliment ta' proċeduri rapidi għall-għoti tal-permessi u/jew eżenzjonijiet mill-premessi meta jkun xieraq, u jiddefinixxu t-tip ta' implimentazzjonijiet tan-network li jistgħu jibbenefikaw minnhom.

(c) jagħtu lill-operaturi d-dritt li jippreżentaw, b'mezzi elettroniċi permezz tal-punt uniku ta' informazzjoni, applikazzjonijiet għall-permessi meħtieġa kollha għax-xogħlijiet ċivili biex jiġu implimentati elementi tan-networks b'kapaċità għolja ħafna.

(d) jistabbilixxu l-punt uniku ta' informazzjoni bħala punt uniku ta' kuntatt għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal tali xogħlijiet ċivili. Għal dak l-għan, jista' jkun meħtieġ li l-punt uniku ta' informazzjoni jkollu rwol attiv fil-koordinazzjoni u fil-monitoraġġ tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi fil-livelli amministrattivi kollha. Jista' jkun meħtieġ ukoll li jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-progress ta' dawn il-proċeduri bejn l-applikanti u l-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-komunikazzjoni tad-deċiżjoni meħuda mill-awtorità/ajiet kompetenti lill-applikant.

(9) Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw ukoll l-aqwa prattiki biex jiffaċilitaw l-għoti ta' drittijiet ta' passaġġ previsti fl-Artikolu 43 tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi meta dawn ikunu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' elementi tan-networks b'kapaċità għolja ħafna. Jenħtieġ li dawn l-aqwa prattiki jiżguraw li meta l-implimentazzjoni ta' tali elementi tan-network tirrikjedi kemm permessi għax-xogħlijiet ċivili kif ukoll drittijiet ta' passaġġ, l-awtoritajiet kompetenti jagħtu jew jirrifjutaw il-permessi meħtieġa b'mod parallel f'massimu ta' erba' xhur mill-applikazzjoni.

(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiskambjaw l-aqwa prattiki u jaqblu dwarhom biex jiżguraw li t-tariffi imposti għall-għoti ta' permessi għax-xogħlijiet ċivili li huma meħtieġa biex jiġu implimentati networks b'kapaċità għolja ħafna jkunu oġġettivament ġustifikati, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati mal-fini maħsub tagħhom, u li jkopru biss l-ispejjeż amministrattivi mġarrba għall-għoti ta' tali permessi.

Titjib tat-trasparenza permezz tal-punt uniku ta' informazzjoni

(11) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw l-aqwa prattiki xierqa biex itejbu t-trasparenza fir-rigward tal-infrastruttura fiżika, sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jaċċessaw iktar faċilment l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-infrastruttura disponibbli f'qasam partikolari. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw it-tiswiħ tar-rwol tal-punt uniku ta' informazzjoni, l-estensjoni tal-funzjonijiet tiegħu biex jinkludu, pereżempju, informazzjoni ġeoreferenzjata (mapep u mudelli diġitali) u l-integrazzjoni ta' informazzjoni minn sorsi differenti (b'mod partikolari, informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fi kwalunkwe livell, mill-korpi tas-settur pubbliku u mill-operaturi tan-networks).

(12) L-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw l-aqwa prattiki biex jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva, meta tkun miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku, issir disponibbli permezz tal-punt uniku ta' informazzjoni b'format elettroniku. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw li permezz tal-punt uniku ta' informazzjoni tkun disponibbli l-informazzjoni rigward l-infrastruttura fiżika lil hinn mill-minimu speċifikat fid-Direttiva, bħall-post ġeoreferenzjat tal-infrastruttura, il-mudell diġitali tagħha, it-tip u l-użu attwali tagħha, jew il-kapaċità totali u ta' riżerva tagħha.

(13) Sabiex ikomplu jtejbu l-kwantità u t-tip ta' informazzjoni disponibbli permezz tal-punt uniku ta' informazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw li jeżiġu li l-operaturi tan-network jagħmlu disponibbli permezz tal-punt uniku ta' informazzjoni, u b'format elettroniku, l-informazzjoni dwar l-infrastruttura fiżika eżistenti tagħhom li huma jkunu għamlu disponibbli għal operaturi oħra fuq talba speċifika.

Espansjoni tad-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika eżistenti

(14) Sabiex iżidu n-numru u t-tipi ta' faċilitajiet disponibbli għall-operaturi għall-implimentazzjoni ta' elementi tan-networks b'kapaċità għolja ħafna, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw l-aqwa prattiki biex l-operaturi jkunu jistgħu jiksbu l-aċċess għall-infrastruttura fiżika (inkluż il-bini u t-tagħmir tat-toroq) ikkontrollata minn korpi pubbliċi, li tkun kapaċi tospita elementi tan-network b'kapaċità għolja ħafna, b'kundizzjonijiet simili għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband.

Mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim

(15) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw l-aqwa prattiki sabiex itejbu l-effettività u l-effikaċja tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim fir-rigward ta' tilwim relatat mal-aċċess għall-infrastruttura fiżika u mal-funzjonament tal-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim, bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni għall-kwistjonijiet relatati fl-iqsar żmien possibbli u tingħata gwida lill-partijiet dwar il-kundizzjonijiet u t-tariffi xierqa, inkluż permezz tal-pubblikazzjoni f'waqtha tad-deċiżjonijiet tagħhom.

Tnaqqis tal-impronta ambjentali tan-networks

(16) L-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw l-aqwa prattiki biex jinċentivaw l-implimentazzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika b'impronta ambjentali mnaqqsa, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati, inkluż:

(a) il-kriterji għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali tan-networks futuri;

(b) l-inċentivi mogħtija lill-operaturi biex jimplimentaw networks ambjentalment sostenibbli.

Valutazzjoni tal-impatt ambjentali

(17) Meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2001/42/KE ("id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika"), id-Direttiva 2011/92/UE ("id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali") u d-Direttiva 92/43/KEE ("id-Direttiva dwar il-Ħabitats"), teżiġi valutazzjoni tal-impatt, u b'mod partikolari meta l-awtoritajiet iħejju l-qafas għall-kunsens rigward l-iżvilupp futur tal-proġetti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskambjaw l-aqwa prattiki dwar il-prestazzjoni u jqisu r-riżultati tal-valutazzjoni ambjentali, fl-istadju meta l-effetti ambjentali jkunu jistgħu jiġu identifikati u vvalutati, pereżempju meta l-operaturi jippreżentaw il-pjanijiet kumplessivi għal proġetti li jkunu jinvolvu l-installazzjoni jew l-implimentazzjoni konkreta tan-networks.

4. AZZJONI FIL-LIVELL NAZZJONALI BIEX JIĠI ŻGURAT AĊĊESS F'WAQTU GĦALL-ISPETTRU TAR-RADJU TAL-5G LI JIFFAVORIXXI L-INVESTIMENT

Skeda tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tal-ispettru

(18) Mingħajr preġudizzju għal xi valutazzjoni ta' *force majeure* skont id-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe posponiment tal-proċeduri għall-għoti ta' drittijiet għall-użu tal-ispettru tar-radju minħabba l-kriżi tal-COVID-19 jinżamm għall-minimu u jdum biss kemm ikun meħtieġ għall-prevenzjoni jew għat-trażżin tal-imxija tal-COVID-19. L-Istati Membri jenħtieġ li jaġġornaw kif xieraq kwalunkwe pjan direzzjonali nazzjonali rilevanti tal-ispettru.

(19) L-Istati Membri jenħtieġ li jitolbu li jsir Forum ta' Rieżami bejn il-Pari skont l-Artikolu 35 tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi biex jeżamina minn qabel abbozz ta' miżuri għall-għoti tad-drittijiet għall-użu tal-ispettru fil-baned ta' frekwenzi ta' 700 MHz, 3,4-3,8 GHz u 24,25-27,5 GHz, bil-ħsieb li jiġu skambjati l-aqwa prattiki.

Inċentivi għall-investiment

(20) Sabiex iqisu l-inċentivi għall-utenti tal-ispettru tar-radju biex jinvestu b'mod sostanzjali fl-introduzzjoni tan-networks tal-5G, jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz tal-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju, dwar miżuri speċifiċi li huma jikkunsidraw li jkunu l-aqwa prattiki, inkluż dawk li jkunu ġew implimentati jew li jkunu ppjanati għall-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali, meta jawtorizzaw l-ispettru tar-radju fil-baned ta' frekwenzi ta' 700 MHz, 3,4-3,8 GHz u 24,25-27,5 GHz.

B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrappurtaw kwalunkwe miżura rilevanti li jkollha bħala l-objettiv tagħha:

(a) il-promozzjoni ta' prezzijiet ta' riżerva adegwati li jirriflettu l-livelli minimi tat-tariffi tad-drittijiet għall-użu tal-ispettru tar-radju

(b) l-evitar tal-iskarsezza tal-ispettru billi tiġi żgurata l-assenjazzjoni tal-ammont kollu tal-ispettru tar-radju armonizzat fil-livell tal-Unjoni;

(c) l-għoti b'mod nondiskriminatorju tal-possibbiltà li t-tariffi tad-drittijiet għall-użu tal-ispettru tar-radju jitħallsu bin-nifs fil-perjodu tal-użu ta' dawk id-drittijiet;

(d) l-użu ta' reġim ta' awtorizzazzjoni individwali għall-banda ta' frekwenzi 24,25-27,5 GHz li jippromwovi l-użu f'waqtu tiegħu, inkluż b'mod partikolari wieħed li jkun ibbażat fuq proċeduri amministrattivi rapidi meta jiġu applikati għad-drittijiet għall-użu ġeografikament limitati;

(e) il-kombinament ta' inċentivi finanzjarji ma' obbligi jew ma' impenji formali biex titħaffef jew tiġi estiża l-kopertura bla fili ta' kwalità għolja;

(f) l-għoti, soġġett għad-dritt tal-kompetizzjoni, tal-possibbiltà għall-kondiviżjoni tal-infrastruttura passiva u attiva, kif ukoll għall-introduzzjoni konġunta ta' infrastruttura li tiddependi fuq l-użu tal-ispettru tar-radju.

5. KOORDINAZZJONI MSAĦĦA FIL-LIVELL TAL-UNJONI RIGWARD L-ASSENJAZZJONI TAL-ISPETTRU GĦALL-UŻU TRANSFRUNTIERA

(21) Sabiex jippromwovu prattika koerenti għall-għoti tad-drittijiet għall-użu tal-ispettru tar-radju lill-operaturi biex jimplimentaw l-infrastruttura bla fili tal-ġenerazzjoni li jmiss (inkluż il-5G) għall-użu industrijali transfruntiera, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw l-aqwa prattiki u jaqblu dwarhom bħala parti mis-Sett ta' Għodod f'dan ir-rigward, inkluż rigward:

(a) l-identifikazzjoni ta' każijiet ta' użu b'dimensjoni transfruntiera, b'mod partikolari għat-trasport bit-triq, għat-trasport bil-ferrovija u għall-manifattura industrijali, f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni ([12]) dwar l-implimentazzjoni tal-5G;

(b) għal kull każ ta' użu identifikat, l-identifikazzjoni ta' medda ta' frekwenzi ddedikata komuni flimkien mar-reġim ta' awtorizzazzjoni komuni xieraq, kif ukoll il-kundizzjonijiet marbuta ma' tali awtorizzazzjonijiet, li jkunu meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz bejn il-fruntieri, inkluż il-kwalità tas-servizz u s-sigurtà tan-network iżda mhux limitat għalihom.

(22) L-Istati Membri huma mistiedna jużaw l-aqwa prattiki tas-Sett ta' Għodod imsemmi fil-punt (21)fir-rigward tal-utenti rilevanti fit-territorju tagħhom, bil-ħsieb partikolari li jistabbilixxu b'mod konġunt l-aspetti komuni u jwettqu proċess ta' awtorizzazzjoni konġunt skont l-Artikolu 37 tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi sat-30 ta' Marzu 2022.

6. RAPPORTAR

(23) Sat-30 ta' April 2021, jenħtieġ li kull Stat Membru jipprovdi pjan direzzjonali lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod.

(24) Sat-30 ta' April 2022, jenħtieġ li kull Stat Membru jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Settembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni

([12]) Ara b'mod partikolari l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni COM(2016)587 u COM(2020)67.